**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Emilio Aquilina**

**Kumpilazzjoni Numru: 147/14**

**Illum, 16 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emilio Aquilina detentur tal-karta tal-identita` numru 311092(M).

Akkuzat talli:

> Fid-29/05/2012 ghall-habta ta' 11.00hrs gewwa l-fond Polidano, Triq Mater Boni Consigli, Paola, hebb ghal nanntu Maria Concetta Polidano u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skont kif iccertifikat Dr Stephanie Frendo MD Reg 3223 tal-Paola Health Centre (Art. 22 Kap. 9);u
>
> Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna lil Maria Concetta Polidano biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li bl-imgieba tieghu ser tikkaguna lil Maria Carmela Polidano biza' (Art. 251B Kap. 9).

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 221 u 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammisjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Emilio Aquilina hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qiegha tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imuptat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**